Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fl-14 ta’ Marzu 2019 [1]

**Kawża C-46/18**

**Caseificio Sociale San Rocco Soc. coop. arl**
**S.s. Franco e Maurizio Artuso**
**Sebastiano Bolzon**
**Claudio Matteazzi**
**Roberto Tellatin**
**vs**
**Agenzia per le Erogazioni in Agricoltura (AGEA)**
**Regione Veneto**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja))

“Ħalib - Kwoti - Taxxa addizzjonali - Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 3950/92 - Artikolu 11(3) tar-Regolament Nru 1788/2003 - Obbligu fuq ix-xerrejja biex inaqqsu t-taxxa mill-prezz tal-ħalib - Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1392/2001 - Distribuzzjoni mill-ġdid ta’ taxxa fuq l-eċċedent - Kategoriji ta’ prijorità - Allokazzjoni mill-ġdid ta’ kwoti mhux użati”

1. Fl-1984, bil-ħsieb li jingħelbu l-eċċedenti strutturali, il-leġiżlatur tal-KEE ta’ dakinhar introduċa sistema ta’ kwoti għall-produzzjoni ta’ ħalib u prodotti tal-ħalib marbuta ma’ taxxa addizzjonali fuq kunsinni u bejgħ dirett li jaqbżu l-kwota. L-operazzjoni ta’ dik is-sistema, oriġinarjament ippjanata għal perijodu ta’ 5 snin, ġiet estiża ripetutament, qabel ma eventwalment intemmet fil-31 ta’ Marzu 2015.

2. Is-sistema tal-kwoti wasslet għal volum straordinarju ta’ litigazzjoni kemm quddiem il-qrati tal-Unjoni Ewropea kif ukoll quddiem il-qrati nazzjonali [2]. Barra minn hekk, f’xi Stati Membri, is-sistema kienet applikata biss “b’mod frammentarju” [3]. Dan huwa speċjalment il-każ tal-Italja fejn, għal perijodu relattivament twil, l-awtoritajiet naqsu milli jiżguraw li t-taxxa addizzjonali dovuta fir-rigward ta’ kwantitajiet prodotti f’eċċedenza tal-kwota nazzjonali kienet allokata korrettament, imħallas fil-ħin xieraq u/jew bi kwalunkwe rata debitament irreġistrata u rkuprata [4].

3. Il-każ preżenti huwa episodju addizzjonali tas-saga twila li tikkonċerna l-irkupru ta’ taxxi mhux imħallsa fl-Italja. Fil-qosor, tqajjem il-kwistjoni dwar jekk Stat Membru jistax jitlob lix-xerrejja, bil-liġi, li jnaqqsu mill-prezz tal-ħalib l-ammont dovut għat-taxxa minn produtturi li jeċċedu l-kwoti individwali tagħhom. Jekk tali liġi nazzjonali tkun inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, imbagħad tqum kwistjoni oħra dwar x’konsegwenzi jista’ jkollha l-inkompatibbiltà tal-liġi nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni fuq dak il-punt għal xerrejja u produtturi.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Cf. O’Reilly, J., ‘Milk quotas and their consideration before the institutions of the Community of particular interest to lawyers’, f’Heusel, W., Collins, A.M., (eds), *Agricultural law for the European Union*, EIPA, Trier/Dublin, 1999, p. 103.

3 Ara, għal dan l-għan, Qorti tal-Awdituri, Rapport Speċjali Nru 4/93 dwar l-implimentazzjoni tas-sistema tal-kwoti intiża li tikkontrolla l-produzzjoni tal-ħalib flimkien mar-risposta tal-Kummissjoni (ĠU 1994 C 12, p. 1).

4 Ara, reċentement, is-sentenza tal-24 ta’ Jannar 2018, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-433/15, EU:C:2018:31).

## I. Il-Qafas ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

4. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3950/92 tat-28 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi taxxa addizzjonali fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib [5] estenda l-iskema ta' taxxa addizzjonali għas-settur tal-ħalib u prodotti tal-ħalib li kellha tiskadi fil-31 ta' Marzu 1993. Din l-iskema kellha taħdem għal seba' perijodi konsekuttivi ta' 12-il xahar, li bdew fl-1 ta' April 1993 [6].

5. L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 3950/92 jipprovdi:

"1. It-taxxa għandha titħallas fuq il-kwantitajiet kollha ta' ħalib jew l-ekwivalenti ta' ħalib ikkummerċjalizzati matul il-perijodu ta' 12-il xahar inkwistjoni b'eċċedent mil-kwantità relevanti msemmija fl-Artikolu 3. Fin għandha tinqasam bejn il-produtturi li kkontribwixxew għall-eċċedent.

Skont deċiżjoni tal-Istat Membru, il-kontribuzzjoni ta' produtturi lejn it-taxxa pagabbli għandha tkun stabbilita, wara li l-kwantitajiet ta' referenza mhux użati jkunu ġew allokati mill-ġdid jew le, jew fil-livell tax-xerrej, fid-dawl tal-eċċedent li jibqa' wara li kwantitajiet ta' referenza mhux użati jkunu ġew allokati proporzjonalment għall-kwantitajiet ta' referenza ta' kull produttur, jew fil-livell nazzjonali, fid-dawl tal-eċċedent fil-kwantità ta' referenza ta' kull produttur individwali.

2. Fir-rigward tal-konsenji, qabel data u skont regoli dettaljati li għandhom ikunu stabbiliti, ix-xerrej li huwa suġġett għat-taxxa għandu jħallas lill-korp kompetenti tal-Istat Membru l-ammont dovut, li huwa għandu jnaqqas mill-prezz tal-ħalib imħallas lill-produtturi li għandhom iħallsu t-taxxa u jekk jonqsu milli jagħmlu dan, li jiġbru bi kwalunkwe mezz xieraq.

[…]

Fejn kwantitajiet ikkonsenjati minn produttur jeċċedu l-kwantità ta' referenza tiegħu, ix-xerrej huwa awtorizzat, permezz ta' avvanz fuq it-taxxa pagabbli, skont ir-regoli dettaljati stabbiliti mill-Istat Membru, li jnaqqas ammont mill-prezz tal-ħalib fir-rigward ta' kwalunkwe kunsinna minn dak il-produttur li teċċedi l-kwantità ta' referenza tiegħu.

[…]

4. Fejn it-taxxa hija dovuta u l-ammont miġbur huwa ikbar minn dik it-taxxa, l-Istat Membru jista' juża l-eċċedent biex jiffinanzja l-miżuri msemmija fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 8 u/jew iqassmu mill-ġdid lill-produtturi li jaqgħu fil-kategoriji ta' prijorità stabbiliti mill-Istat Membru fuq bażi ta' kriterji oġġettivi li għandhom jiġu ddeterminati jew li huma affettwati minn sitwazzjoni eċċezjonali li tirriżulta minn dispożizzjoni nazzjonali mhux konnessa ma' din l-iskema." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

5 ĠU 1992 L 405, p. 1.

6 Ara l-ewwel premessa tar-Regolament Nru 3950/92.

6. L-Artikolu 9 (“Kriterji għad-distribuzzjoni mill-ġdid ta’ l-imposta żejda [tat-taxxa fuq l-eċċedent]”) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1392/2001 tad-9 ta’ Lulju 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3950/92 li jistabbilixxi imposta [taxxa] addizzjonali fuq il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib,[7] jipprovdi li:

“1. Meta approprjat, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-kategoriji ta’ prijorità ta’ produtturi kif imsemmi fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KEE) Nru 3950/92, abbażi ta’ kriterju objettiv wieħed jew iktar minn dawn li ġejjin, skond il-prijorità:

(a) rikonoxximent formali mill-awtorità kumpetenti ta’ l-Istat Membru li l-imposta [taxxa] kollha jew parti minnha kienet mitluba b’mod żbaljat;

(b) il-post ġeografiku ta’ l-azjenda, u primarjament żoni bil-muntanji kif imsemmi fl-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999;

(ċ) id-densità massima tal-ħażna fuq l-azjenda għall-iskopijiet ta’ produzzjoni estensiva tal-bhejjem;

(d) l-ammont li bih il-kwantità individwali ta’ referenza hija maqbuża;

(e) il-kwantità ta’ referenza tal-produttur.

2. Meta r-riżorsi finanzjarji disponibbli għal perijodu partikolari mhumiex użati wara li l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 ikunu ġew applikati, l-Istat Membru għandu jadotta kriterja objettivi oħra wara li jikkonsulta lill-Kummissjoni.”

7. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 tad-29 ta’ Settembru 2003 li jistabbilixxi taxxa fil-qasam tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib[8] ħassar ir-Regolament Nru 3950/92. Skont l-Artikolu 11(1) (“Ir-rwol tax-xerrejja”) tiegħu, ix-xerrejja huma responsabbli għall-ġbir mingħand il-produtturi tal-kontribuzzjonijiet li huma dovuti bħala riżultat tat-taxxa. Huma għandhom iħallsu dawn il-kontribuzzjonijiet lill-korp kompetenti tal-Istat Membru. Skont l-Artikolu 11(3) “[f]ejn, matul il-perijodu tar-referenza, il-kwantitajiet imwassla minn produttur ikunu jaqbżu dik il-kwantità tar-referenza disponibbli tal-produttur, l-Istat Membru rilevanti jista’ jiddeċiedi li x-xerrej għandu jnaqqas parti mill-prezz tal-ħalib li l-produttur ikkonċernat ikun wassallu fi kwantitajiet aktar mill-kwantità tar-referenza, billi jkun hemm avvanz fuq il-kontribuzzjoni tal-produttur, fi qbil ma’ regoli dettaljati stabbiliti mill-Istat Membru”.

8. Skont l-Artikolu 27 (“Id-Dħul fis-seħħ”) tar-Regolament Nru 1788/2003, dan ir-Regolament daħal fis-seħħ fl-24 ta’ Ottubru 2003. Id-dispożizzjonijiet tiegħu saru applikabbli mill-1 ta’ April 2004, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 6 u 24, li kienu japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-regolament.

7 ĠU 2001 L 187, p. 19.
8 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 391).

### *B. Il-liġi nazzjonali*

9. L-Artikolu 5(1) u (2) ("l-Obbligi tax-xerrejja") tad-decreto-legge n. 49 - Riforma della normativa in tema di applicazione del prelievo supplementare nel settore del latte e dei prodotti lattiero-caseari (id-Digriet-Liġi Nru 49 li jirriforma r-regoli dwar l-applikazzjoni tat-taxxa addizzjonali fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib), tat-28 ta' Marzu 2003, ikkonvertit, b'emendi, fil-Liġi Nru 119 tat-30 ta' Mejju 2003 (iktar 'il quddiem id-"Digriet-Liġi Nru 49/2003") [9], kif applikabbli fiż-żmien inkwistjoni, jipprovdi:

"1. […] Ix-xerrejja għandhom inaqqsu t-taxxa addizzjonali, ikkalkolata abbażi tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 3950/92, kif emendat, fir-rigward tal-ħalib ikkunsinnat b'eċċedent tal-kwantità ta' referenza individwali allokata għal kull produttur individwali li jittrasferixxi, […]

2. Fi żmien 30 jum mill-iskadenza tal-perijodu msemmi fil-punt 1, […] ix-xerrejja għandhom iħallsu l-ammonti mnaqqsa fil-kont bankarju tal-AGEA".

10. L-Artikolu 9(1), (3) u (4) ("Il-ħlas lura ta' taxxi mħallsa żejda") tad-Digriet-Liġi Nru 49/2003 jipprovdi:

"1. Fl-aħħar ta' kull perijodu, l-AGEA: (a) għandha tfassal dikjarazzjoni tal-kunsinni tal-ħalib magħmula u t-taxxa totali mħallsa mix-xerrejja skont il-qadi tal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 5; (b) għandha tikkalkola t-taxxa nazzjonali totali pagabbli lill-Unjoni Ewropea għall-produzzjoni eċċedenti fil-kunsinni; (ċ) għandha tikkalkola l-ammont tat-taxxa mħallsa żejda.

[…]

3. L-ammont imsemmi fil-punt 1(ċ) […] għandu jinqasam bejn il-produtturi li għandhom kwota li ħallsu t-taxxa, skont il-kriterji u skont il-kriterji li ġejjin u sabiex: […]

4. Jekk dawn il-ħlasijiet lura ma jeżawrixxux l-ammont disponibbli msemmi fil-punt 3, il-bqija għandu jinqasam bejn produtturi li għandhom kwota li ħallsu t-taxxa, ħlief għal dawk li eċċedew il-kwantità ta' referenza individwali tagħhom b'iktar minn 100 fil-mija, skont il-kriterji li ġejjin u sabiex […]".

11. L-Artikolu 2(3) tad-decreto-legge del 24 giugno 2004 n.157 - Disposizioni urgenti per l'etichettatura di alcuni prodotti agroalimentari, nonché in materia di agricoltura e pesca (id-Digriet-Liġi Nru 157 tal-24 ta' Ġunju 2004 - Dispożizzjonijiet urġenti dwar it-tikkettar ta' xi prodotti agroalimentari, u dwar l-agrikoltura u s-sajd), ikkonvertiti, b'emendi, fil-Liġi Nru 204 tat-3 ta' Awwissu 2004 (iktar 'il quddiem id-"Digriet-Liġi Nru 157/2004") [10] jipprovdi:

"Skont l-Artikolu 9 [tad-Digriet-Liġi Nru 49/2003], ammonti mħallsa żejda tat-taxxa mħallsa kull xahar mill-produtturi li huma aġġornati mal-pagamenti tagħhom għandhom jitħallsu lura lill-produtturi. Fl-aħħar ta' dik l-operazzjoni, jekk it-total aħħari tal-allokazzjonijiet tat-taxxa li għandhom isiru huwa ikbar mit-taxxa pagabbli lill-Unjoni Ewropea, biż-żieda ta' 5 fil-mija, l-AGEA għandha tikkanċella t-taxxa mħallsa żejda għall-produtturi li għadhom ma għamlux il-ħlasijiet ta' kull xahar, billi tapplika l-kriterji ta' prijorità stabbiliti mill-Artikolu 9(3) u (4), bla ħsara għas-sanzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(5) [tad-Digriet-Liġi Nru 49/2003]".

9 Gazzetta Ufficiale Nru. 75 tal-31 ta' Marzu 2003.
10 Gazzetta Ufficiale Nru. 147 tal-25 ta' Ġunju 2004.

## II. Il-fatti, il-proċedura u d-domandi magħmula

12. F'Lulju tas-sena 2004, l-Agenzia per le Erogazioni in Agricoltura (l-Aġenzija Taljana għall-Pagamenti Agrikoli) (iktar 'il quddiem l-"AGEA") bagħtet notifika lil Caseificio Sociale San Rocco, bħala "l-ewwel xerrej" ta' prodotti tal-ħalib. Din in-notifika, li kienet tikkonċerna l-kwoti tal-ħalib u t-taxxa addizzjonali għall-perijodu mill-1 ta' April 2003 sal-31 ta' Marzu 2004, iddikjarat li:

– Saru kalkoli biex titħallas lura t-taxxa mħallsa żejda fuq il-kunsinni tal-ħalib tal-baqra magħmula matul il-perijodu ta' referenza. Il-kalkoli kienu bbażati fuq kwantitajiet ta' referenza li kienu ġew stabbiliti mir-reġjuni u mill-provinċji awtonomi, u mid-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar tal-intrapriżi xerrejja;

– Il-produtturi jistgħu jibbenefikaw mill-ħlas lura jekk ikunu kkonformaw ruħhom mal-ħlas tat-taxxa addizzjonali, skont id-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar tal-intrapriżi xerrejja;

– L-AGEA kienet applikat l-Artikolu 2(3) tad-Digriet-Liġi Nru 157/2004 li jgħid li l-produtturi li kienu ħallsu żejjed kellhom jirċievu ħlasijiet lura; fi tmiem dik l-operazzjoni, jekk it-total li jifdal tal-allokazzjonijiet tat-taxxa li kellhom isiru kienu ikbar mit-taxxa pagabbli lill-Unjoni Ewropea, biż-żieda ta' 5 %, l-AGEA ma titlobx it-taxxa żejda miġbura mingħand produtturi li kienu għadhom ma għamlux il-pagamenti ta' kull xahar. F'każijiet bħal dawn, hija tapplika l-kriterji ta' prijorità stabbiliti mill-Artikolu 9(3) u (4), u s-sanzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 5 tad-Digriet-Liġi Nru 49/2003. L-AGEA għalhekk taqsam l-eċċedent diġà mħallas biss fost il-produtturi li kellhom kwantitajiet ta' referenza li kienu aġġornati mal-pagamenti tagħhom.

13. L-AGEA hemżet ma' dik in-notifika lista, għal kull produttur, tal-ammonti diġà mħallsa, u l-ammonti li għandhom jitħallsu lura.

14. Abbażi tan-notifika hawn fuq imsemmija, l-AGEA nnutat li, fir-rigward tal-perijodu ta' referenza, Caseificio Sociale San Rocco ma kienx għamel it-tnaqqis tat-taxxa addizzjonali stabbilita fl-Artikolu 5 tad-Digriet-Liġi Nru 49/2003. Għaldaqstant, il-produtturi li mingħandhom dan kien xtara l-ħalib kien għadhom debituri tal-ammonti rilevanti.

15. Caseificio Sociale San Rocco u l-produtturi (iktar 'il quddiem "ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali") kienu tal-fehma li l-liġi Taljana applikata mill-AGEA kienet inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Huma kkontestaw in-notifika tal-AGEA quddiem it-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Lazio, l-Italja). B'sentenza tat-3 ta' Frar 2010, dik il-qorti ċaħdet ir-rikors u ddeċidiet, essenzjalment, li l-leġiżlazzjoni Taljana inkwistjoni kienet kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1788/2003.

16. Ir-Rikorrenti fil-kawża prinċipali appellaw din is-sentenza quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja). B'sentenza interlokutorja tal-21 ta' Novembru 2017, dik il-qorti laqgħet l-appell parzjalment. Hija ddeċidiet li r-regoli tal-Unjoni applikabbli fil-każ inkwistjoni ma kinux dawk inklużi fir-Regolament Nru 1788/2003, iżda dawk inklużi fir-Regolament Nru 3950/92. Madanakollu, billi kellha dubji dwar l-interpretazzjoni korretta ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 3950/92, dik il-qorti ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1. F'sitwazzjoni bħal dik deskritta u li hija s-suġġett tal-kawża fuq il-mertu, id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li [l-konsegwenza tal-]inkompatibbiltà ta' dispożizzjoni leġiżlattiva ta' Stat Membru mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tar-[Regolament Nru 3950/92, hija] l-ineżistenza tal-obbligu tal-produtturi li jħallsu taxxa addizzjonali, jekk il-kundizzjonijiet previsti mill-imsemmi regolament jiġu sodisfatti?

2. F'sitwazzjoni bħal dik deskritta u li hija s-suġġett tal-kawża fuq il-mertu, id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju ġenerali [ta' protezzjoni] tal-aspettativi leġittimi, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-aspettattvi ta' persuni li jkunu osservaw obbligu impost minn Stat Membru, u li jkunu bbenefikaw mill-effetti relatati mal-osservanza ta' dan l-obbligu, ma jgawdux minn din il-protezzjoni meta l-imsemmi obbligu jirriżulta li jmur kontra d-dritt tal-Unjoni?

3. F'sitwazzjoni bħal dik deskritta u li hija s-suġġett tal-kawża fuq il-mertu, l-Artikolu 9 tar-[Regolament Nru 1392/2001] u l-kunċett ta' 'kategorija ta' prijorità' fid-dritt tal-Unjoni jippreklud[u] dispożizzjoni ta' Stat Membru li, [bħall-]Artikolu 2(3) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 157/2004, adottat mir-Repubblika Taljana, [t]ipprevedi modalitajiet iddiferenzjati ta' rimbors tat-taxxa addizzjonali impost[a] b'mod eċċessiv, billi jiddistingwi, għall-finijiet ta' skaletta u ta' modalitajiet ta' rimbors, bejn il-produtturi li jkunu qiesu lilhom infushom vinkolati minn dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tirriżulta kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni u dawk il-produtturi li ma jkunux osservaw din id-dispożizzjoni?"

17. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-Gvern Taljan u l-Kummissjoni ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

18. Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja talbet lill-Gvern Taljan ċerti kjarifiki dwar il-proċeduri segwiti fir-rigward tal-kalkolu tal-taxxa addizzjonali dovuta għas-sena tal-ħalib 2003/2004. Il-Gvern Taljan wieġeb għat-talba għal kjarifika fit-13 ta' Diċembru 2018.

19. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-Gvern Taljan u l-Kummissjoni ppreżentaw ukoll sottomissjonijiet orali fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2019.

## III. Analiżi

### *A. Kummenti preliminari*

#### *1. Liġi applikabbli ratione temporis*

20. Fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju tirreferi espressament għall-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 3950/92 bħala d-dispożizzjoni ċentrali applikabbli fil-kawża preżenti. Madankollu, din l-opinjoni hija kkontestata mill-Gvern Taljan, li jargumenta li l-Artikolu 11(3) tar-Regolament Nru 1788/2003 huwa applikabbli għall-kawża prinċipali sa fejn id-deċiżjoni tal-AGEA kkontestata mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienet inħarġet f'Lulju 2004.

21. Fid-dawl ta' dan, inqis li huwa utli li jiġi ddefinit il-qafas legali li huwa applikabbli *ratione temporis* fil-każ preżenti.

22. Din il-kwistjoni hija importanti: ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jargumentaw li l-leġiżlazzjoni Taljana inkwistjoni hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni sa fejn tobbliga lix-xerrejja tal-ħalib inaqqsu t-taxxa mill-prezz tal-ħalib. Madankollu, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-operat tat-taxxa fir-Regolament Nru 3950/92 u fir-Regolament Nru 1788/2003, rispettivament, ma humiex identiċi.

23. L-Artikolu 11(3) tar-Regolament Nru 1788/2003, li ħassar ir-Regolament No 3950/92, espressament ippermetta li l-Istati Membri jiddeċiedu li, meta waqt is-sena tal-ħalib il-kwantitajiet ikkunsinnati minn produttur eċċedew il-kwota ta' dak l-istess produttur, ix-xerrej kien meħtieġ *inaqqas* parti mill-prezz tal-ħalib permezz ta' ħlas bil-quddiem fuq it-taxxa addizzjonali tal-produttur. Min-naħa l-oħra, kif ippreċiżat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Consorzio Caseifici dell'Altopiano di

Asiago[11], l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 3950/92 sempliċement *intitola*, imma bl-ebda mod ma obbliga, lix-xerrejja biex jagħmlu tali tnaqqis.

24. F'dan ir-rigward, jiena naqbel mal-fehma tal-qorti tar-rinviju li, f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt tal-Unjoni, ir-regoli li kienu applikabbli fiż-żmien inkwistjoni kienu dawk previsti fir-Regolament Nru 3950/92 (u, konsegwentement, dawk inklużi fir-Regolament Nru 1392/2001 li stabbilixxa r-regoli ta' implimentazzjoni).

25. Il-kawża prinċipali tikkonċerna s-sena tal-ħalib 2003/2004 (li tibda mill-1 ta' April 2003 sat-30 ta' Marzu 2004). Madankollu, ir-Regolament Nru 1788/2003 sar applikabbli biss, skont l-Artikolu 27 tiegħu, mill-1 ta' April 2004.

26. Dan bl-ebda mod ma huwa sorprendenti. Tradizzjonalment, sena tal-ħalib tibda fl-1 ta' April ta' kull sena u tispiċċa fit-30 ta' Marzu tas-sena ta' wara[12]. Dan jispjega għalfejn ir-Regolament Nru 1788/2003 - bħal strumenti preċedenti, inkluż ir-Regolament Nru 3950/92[13] - sar applikabbli fil-bidu ta' sena tal-ħalib.

27. It-tħaddim ta' skema bħal dik li tipprovdi għal taxxa addizzjonali fuq il-ħalib neċessarjament teħtieġ l-applikazzjoni ta' sett ta' regoli partikolari matul il-perijodu ta' referenza. Regoli bħal dawk li jiddeterminaw is-suġġetti inkarigati mill-kompitu li jiġbru t-taxxa u l-mod u l-ammont li bih titħallas it-taxxa ma humiex regoli proċedurali - kif jargumenta l-Gvern Taljan - iżda regoli sostantivi[14]. F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, filwaqt li r-regoli proċedurali huma ġeneralment applikabbli mad-dħul fis-seħħ tagħhom, anki għal kawżijiet pendenti u tilwimiet sakemm il-miżura speċifika inkwistjoni ma tipprovdix mod ieħor, regoli sostantivi huma normalment interpretati li ma japplikawx, bħala prinċipju, għal sitwazzjonijiet eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom[15].

28. Dispożizzjonijiet bħall-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 3950/92 u l-Artikolu 11(3) tar-Regolament Nru 1788/2003 jikkonċernaw aspetti ewlenin tal-obbligi sostantivi stabbiliti fir-Regolament Nru 3950/92. Għalhekk, skont il-prinċipji msemmija hawn fuq, dawn id-dispożizzjonijiet ma japplikawx għal sitwazzjonijiet eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom.

29. L-argument tal-Gvern Taljan ikun ifisser li l-Artikolu 11(3) tar-Regolament Nru 1788/2003 isir applikabbli għall-fatti (speċjalment kunsinni) li seħħew, u r-relazzjonijiet ekonomiċi mibdija, qabel l-1 ta' April 2004. Dan, fi kliem ieħor, iwassal għal applikazzjoni retroattiva *de facto* tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament Nru 1788/2003, li jmur kontra kemm il-kliem ċar kif ukoll l-ispirtu tal-Artikolu 27 tal-istess regolament.

30. Biex nikkonkludi dwar dan il-punt, sa fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tobbliga lix-xerrejja tal-ħalib biex inaqqsu t-taxxa mill-prezz tal-ħalib f'perijodu *qabel* l-1 ta' April 2004, il-parametri ta' kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni jistgħu jingħataw biss mid-dispożizzjonijiet tal-Unjoni li kienu applikabbli matul dak il-perijodu stess: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 3950/92, b'mod partikolari l-Artikolu 2(2).

11 Sentenza tad-29 ta' April 1999, C-288/97, EU:C:1999:214, punti 29 sa 32 (iktar 'il quddiem "Consorzio Caseifici dell'Altopiano di Asiago").

12 Ara, pereżempju, il-premessi 1 sa 3 tar-Regolament Nru 1788/2003 kif ukoll l-Artikolu 1(1) tal-istess regolament.

13 Ara Artikolu 13 tar-Regolament Nru 3950/92.

14 F'dan ir-rigward, ta' min jinnota permezz ta' analoġija li huwa stabbilit sew li, fil-liġi fiskali tal-Unjoni, dispożizzjonijiet li jikkonċernaw, *inter alia*, il-mod u l-ammont li bih għandha tinġabar it-taxxa ma jistgħux japplikaw għal sitwazzjonijiet eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom. Ara, pereżempju, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, Equoland (C-272/13, EU:C:2014:2091, punt 20).

15 Ara, *inter alia*, is-sentenza tal-14 ta' Frar 2012 Toshiba Corporation *et* (C-17/10, EU:C:2012:72, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

*2. Is-sistema stabbilita mir-Regolamenti Nru 3950/92 u Nru 1392/2001*

31. Għal fehim aħjar tad-domandi magħmula mill-qorti nazzjonali, jista' jkun utli li nibda b'deskrizzjoni l-aspetti tas-sistema stabbilita mir-Regolamenti Nru 3950/92 u Nru 1392/2001 li huma rilevanti għall-kawża preżenti.

32. Abbażi ta' dawn ir-regolamenti, ġiet applikata taxxa fuq il-kwantitajiet ta' ħalib miġbura jew mibjugħa għall-konsum dirett 'il fuq minn ċerta kwota nazzjonali. L-Istati Membri li jeċċedu l-kwota nazzjonali kellhom jaqsmu l-piż tal-ħlas fost il-produtturi li kienu kkontribwixxew għall-qbiż billi eċċedew il-kwoti individwali tagħhom.

33. Sabiex jiġi evitat dewmien fil-ġbir u fil-ħlas tat-taxxa, il-leġiżlatur tal-Unjoni ddeċieda li, għall-kunsinni, kien ix-xerrej li kien responsabbli li jħallas it-taxxa lill-amministrazzjoni pubblika, wara li ġabarha minn produtturi permezz ta' tnaqqis mill-prezz tal-ħalib jew bi kwalunkwe mezz ieħor xieraq. Għal dan l-għan, l-awtorità nazzjonali kompetenti innotifikat jew ikkonfermat lil kull xerrej l-ammont ta' taxxi pagabbli minnhom, wara li tittieħdet deċiżjoni mill-Istat Membru dwar jekk il-kwoti mhux użati kollha jew parti minnhom għandhomx jiġu allokati mill-ġdid lill-produtturi kkonċernati (sew jekk direttament jew permezz tax-xerrejja)[16]. Fil-każ ta' allokazzjoni mill-ġdid tal-kwoti individwali mhux użati, dawn kellhom jiġu allokati fi proporzjon mal-kwantitajiet ta' referenza ta' kull produttur.

34. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li ma jallokawx mill-ġdid kwoti mhux użati. F'dan il-każ, jistgħu jużaw l-ammont miġbur b'eċċedent tat-taxxa dovuta lill-Unjoni Ewropea biex jiffinanzjaw programmi nazzjonali ta' ristrutturar u/jew biex iħallsuha lura lill-produtturi li jaqgħu f'ċerti "kategoriji ta' prijorità" jew lil produtturi li jsibu ruħhom f'sitwazzjoni eċċezzjonali.

35. Huwa f'dan l-isfond li issa se ngħaddi għall-analiżi tad-domandi magħmula.

***B. L-ewwel domanda***

36. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-konsegwenza tal-kunflitt ta' dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 3950/92 hija li l-produtturi ma humiex obbligati jħallsu t-taxxa addizzjonali anki jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-regolament huma sodisfatti.

37. Il-premessa li fuqha hija bbażata din id-domanda hija li, billi tobbliga lix-xerrejja jnaqqsu t-taxxa addizzjonali mill-ħlas tal-ħalib ikkunsinnat mill-produtturi f'eċċedent tal-kwoti individwali tagħhom, u li jittrasferixxuh fuq bażi ta' kull xahar lill-AGEA, il-leġiżlazzjoni Taljana inkwistjoni kienet inkompatibbli mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 3950/92. Din l-aħħar dispożizzjoni, kif ikkjarifikat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Corisorzio Caseifici dell'Altopiano di Asiago[17], tintitola lix-xerrejja biex mill-prezz tal-ħalib imħallas lil produttur inaqqsu l-ammont dovut minn dak il-produttur bħala taxxa addizzjonali, iżda ma timponilhom l-ebda obbligu f'dan ir-rigward.

38. Madankollu, din il-premessa hija kkontestata mill-Gvern Taljan. Għalhekk, se nindirizza l-ewwel din l-oġġezzjoni, qabel ma nittratta l-kwistjoni prinċipali mqajma mill-ewwel domanda magħmula.

16 Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1392/2001.

17 Punti 29 sa 32 tas-sentenza.

*1. L-inkompatibbiltà bejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali u d-dritt tal-Unjoni*

39. Fil-fehma tal-Gvern Taljan, l-interpretazzjoni li l-qorti tar-rinviju tagħti lis-sentenza Consorzio Caseifici dell'Altopiano di Asiago hija estrem. Skont dan il-gvern, dik is-sentenza ma teskludix il-possibbiltà li l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-għażla prevista fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 3950/92 fir-rigward tal-mod kif għandha tinġabar it-taxxa (tnaqqis obbligatorju *jew* kwalunkwe mezz ieħor). Il-Qorti tal-Ġustizzja sempliċement iddeċidiet li l-Istati Membri ma jistgħux jimponu sanzjonijiet fuq ix-xerrejja li ma jikkonformawx ma' dan l-obbligu.

40. Huwa veru li l-proċeduri li wasslu għas-sentenza fil-kawża Consorzio Caseifici dell'Altopiano di Asiago rriżultaw minn rikors ippreżentat minn korp li jirrappreżenta produtturi tal-ħalib kontra sanzjoni amministrattiva imposta fuqu mill-awtoritajiet Taljani minħabba li, fost l-oħrajn, naqas milli jnaqqas mill-prezz tal-ħalib l-ammonti dovuti mill-produtturi li kienu qabżu l-kwoti individwali tagħhom. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja donnha ttrattat il-kwistjoni b'mod astratt, mingħajr ma tat ħafna importanza lill-fatti speċifiċi tal-każ.

41. Il-qorti tar-rinviju f'dik il-kawża kienet essenzjalment staqsiet, jekk xerrej, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 3950/92, kienx obbligat li jiġbor l-ammonti dovuti mill-produtturi li jaqbżu l-kwoti individwali tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja wieġbet fin-negattiv billi enfasizzat li l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 3950/92 jagħti lix-xerrejja *għażla*, iżda ma jistabbilixxix *obbligu inevitabbli*, f'dan ir-rigward [18].

42. Huwa ċar li dan jimplika li l-Istati Membri ma jistgħux jimponu sanzjonijiet fuq ix-xerrejja li jiddeċiedu li ma jnaqqsux is-somom dovuti bħala taxxa addizzjonali mill-prezz tal-ħalib imħallas lill-produtturi, u li jirkupraw dawk is-somom b'mezzi oħra. Iżda, minn dawn id-deċiżjonijiet, jirriżulta wkoll, pjuttost loġikament, li l-Istati Membri ma jistgħux jissanzjonaw lix-xerrejja li jieħdu tali deċiżjoni billi jirriżervaw għalihom kwalunkwe trattament sfavorevoli ieħor, bħal pereżempju, li jiddiskriminaw kontrihom meta jallokaw mill-ġdid kwoti mhux użati jew fit-tqassam mill-ġdid tat-taxxa eċċedenti miġbura [19]. Dan ikun inkompatibbli mal-fatt li l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 3950/92 jirrigwarda - skont kliem l-Avukat Ġenerali La Pergola - i*d-dritt* tax-xerrejja, dritt li n-nuqqas ta' eżerċizzju tiegħu "ma jistax jagħti lok għal sanzjoni" [20]. Barra minn hekk, il-kelma "sanzjonijiet" għandha tinftiehem - nixtieq inżid - fl-iktar sens wiesa'.

43. Fis-sentenza Consorzio Caseifici dell'Altopiano di Asiago, il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ikkunsidrat l-għażla dwar kif għandha tinġabar it-taxxa - permezz ta' tnaqqis jew kwalunkwe mezz xieraq ieħor - u fformalizzatha bħala *kwistjoni ta' dritt suġġettiv għal kull xerrej individwali*. Jekk dritt individwali jingħata mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jirriżulta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tistax iċċaħħad lill-individwi minn tali dritt. Għalhekk, fil-fatt, tali leġiżlazzjoni tal-Istati Membri hija inkompatibbli mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 3950/92.

44. Fid-dawl ta' dan, anki jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni nnifsu iktar tard "qaleb" għal mudell ieħor ta' ġbir tat-taxxa, jibqa' l-fatt li fil-perijodu rilevanti, l-għażla f'dan ir-rigward baqgħet tax-xerrejja.

45. Għalhekk, filwaqt li nirrikonoxxi li din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 3950/92 tista' twassal għal ċertu tidjif tas-sistema ta' infurzar, jien għandi madankollu naqbel mar-rikorrenti fil-kawża prinċipali u mal-Kummissjoni li, sakemm baqgħet applikabbli l-liġi wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Corisorzio Caseifici dell'Altopiano di Asiago, il-premessa li fuqha hija bbażata l-ewwel domanda hija korretta.

46. Issa ser nittratta d-domanda fuq il-mertu.

18 Ara, partikolarment, il-punt 30 tas-sentenza.

19 Iktar dwar din il-kwistjoni *infra*, fil-punti 69 sa 79 ta' dawn il-konklużjonijiet.

20 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali La Pergola fil-kawża Consorzio Caseifici dell'Altopiano di Asiago (C-288/97, EU:C:1998:574, punt 13).

*2. Il-konsegwenzi tal-inkompatibbiltà bejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali u d-dritt tal-Unjoni*

47. Essenzjalment, il-kwistjoni mqajma mill-ewwel domanda hija jekk, f'sitwazzjoni fejn regola nazzjonali teħtieġ, kuntrarjament għall-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 3950/92, li x-xerrejja jnaqqsu t-taxxa addizzjonali mill-prezz tal-ħalib, it-taxxa ma tibqax pagabbli, anki jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dak ir-regolament jiġu ssodisfatti. Fi kliem ieħor, l-inkompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni jkollha l-konsegwenza li teħles lix-xerrejja mill-obbligu tagħhom li jiġbru t-taxxa addizzjonali mingħand il-produtturi u jittrasferixxuha lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u/jew li teħles lill-produtturi mill-obbligu li jħallsu t-taxxa addizzjonali?

48. Ir-risposta għal din id-domanda hija, fil-fehma tiegħi, pjuttost ovvja: le. Tabilħaqq, il-partijiet kollha li ssottomettew osservazzjonijiet f'dan il-każ (inklużi r-rikorrenti fil-kawża prinċipali) jaqblu: il-fatt li r-regoli proċedurali nazzjonali li jirregolaw il-ġbir tat-taxxa addizzjonali jistgħu jkunu inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni ma jistgħux jeħilsu lil xerrejja jew produtturi mill-obbligi sostantivi tagħhom. Fi kliem sempliċi, in-nuqqas ta' qbil (u l-inkompatibbiltà) fir-rigward ta' *kif* taxxa għandha tinġabar ma għandu l-ebda impatt fuq jekk *hijiex* dovuta.

49. Fir-rigward tax-*xerrejja*, konklużjoni differenti tkun tmur kontra d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Nru 3950/92 u Nru 1392/2001, li jindikaw b'mod ċar u espliċitu li, fil-każ ta' kunsinni, huwa x-xerrej li huwa responsabbli għat-taxxa [21]. Dan ukoll irendi s-sistema stabbilita minn dawn ir-regolamenti ineffettiva fil-parti l-kbira tagħha sa fejn il-kunsinni jikkostitwixxu l-parti l-kbira tal-bejgħ tal-ħalib u, minħabba dan, ix-xerrejja "jġorru responsabbiltà prima [prinċipali] għall-implimentazzjoni xierqa ta' [dik is-sistema]" [22].

50. L-uniku effett li jirriżulta mill-imsemmija inkompatibbiltà huwa li r-regoli nazzjonali inkwistjoni ma għandhomx jiġu applikati. Il-konsegwenzi għax-xerrejja huma prinċipalment tnejn: minn naħa, huma jerġgħu jiksbu l-libertà tagħhom li jiġbru l-ammonti "b'kwalunkwe mezz xieraq" u, min-naħa l-oħra, ix-xerrejja li ma ġabrux it-taxxa permezz ta' tnaqqis mill-prezz tal-ħalib ma jistgħux jiġu ssanzjonati.

51. *A fortiori*, l-inkompatibbiltà tal-liġi nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-ġbir tat-taxxa addizzjonali mix-xerrejja ma jista' jkollha l-ebda effett fuq l-obbligu tal-*produtturi* li jħallsu t-taxxa.

52. Kif tagħmilha ċara s-sitt premessa u l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 3950/92, l-obbligu li titħallas t-taxxa addizzjonali huwa konsegwenza diretta tal-fatt li l-kwota nazzjonali tinqabeż u huma "l-produtturi li kkontribwew għall-qbiż [li] għandhom iħallsu t-taxxa".

53. Kif enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja riċentement, skont l-Artikolu 11(1) u (2) tar-Regolament Nru 1392/2001, l-Istati Membri "huma obbligati li jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li l-imposta [t-taxxa], inklużi l-interessi dovuti f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tat-terminu ta' ħlas, tkun korrettament miġbura u effettivament imqassma *bejn il-produtturi li kkontribwixxew għall-eċċess [eċċedent]*" [23]. Fil-fatt, fejn il-produtturi ma jissodisfawx l-obbligi tagħhom taħt l-iskema, u x-xerrejja ma jaġixxux, l-Istati Membri għandhom is-setgħa li jieħdu azzjoni diretta kontra produtturi bil-ħsieb li jirkupraw l-ammonti pagabbli [24].

21 Ara, b'mod partikolari, it-tmien premessa u l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 3950/92, u l-Artikoli 7 u 8(1) tar-Regolament Nru 1392/2001.

22 Is-seba' premessa tar-Regolament Nru 1392/2001.

23 Sentenza tal-24 ta' Jannar 2018, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-433/15, EU:C:2018:31, punt 41). Enfasi miżjuda.

24 Ara s-sentenza tal-15 ta' Jannar 2004, "Penycoed" (C-230/01, EU:C:2004:20, punt 41).

54. Għar-raġunijiet spjegati hawn fuq, jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għall-ewwel domanda fis-sens li l-inkompatibbiltà tar-regoli nazzjonali li jirregolaw il-ġbir tat-taxxa addizzjonali mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 3950/92 ma teħlisx lill-produtturi mill-obbligu tagħhom li jħallsu t-taxxa addizzjonali.

## *C. It-tieni domanda*

55. Bit-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-aspettattivi leġittimi tax-xerrejja u tal-produtturi li kkonformaw ruħhom mal-obbligu li jnaqqsu t-taxxa dovuta mill-prezz tal-ħalib u li jħallsu dak l-ammont lill-awtoritajiet pubbliċi fuq bażi ta' kull xahar għandhomx ikunu protetti. Din il-mistoqsija, kif nifhimha jien, titqajjem biss fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi fl-affermattiv għall-ewwel domanda.

56. Peress li l-inkompatibbiltà tar-regoli nazzjonali li jirregolaw il-ġbir tat-taxxa addizzjonali mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 3950/92 ma teħlisx, fil-fehma tiegħi, lill-produtturi u lix-xerrejja mill-obbligi sostantivi tagħhom taħt dan ir-regolament, it-tieni domanda magħmula donnha titlef is-sinjifikat tagħha.

57. Fil-fatt, f'tali kostellazzjoni, mhux ċert għalkollox liema aspettattivi leġittimi għandhom jiġu protetti.

58. F'dan ir-rigward, nixtieq inżid biss li, skont l-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament Nru 1392/2001, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni biex jiżguraw il-ħlas tat-taxxa dovuta mill-produtturi li jonqsu li jħallsuha. Barra minn hekk, is-somom dovuti huma suġġetti għal interessi għal ħlas tardiv. Dan huwa, fl-aħħar nett, bla ħsara għall-abbiltà tal-Istati Membri li jimponu sanzjonijiet xierqa fuq partijiet li jiksru l-obbligi tagħhom skont l-iskema.

## *D. It-tielet domanda*

59. It-tielet domanda magħmula tikkonċerna l-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw mill-inkompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola l-ġbir u l-ħlas tat-taxxa addizzjonali mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Nru 3950/92 u Nru 1392/2001 fir-rigward tal-ħlas lura ta' taxxa fuq l-eċċedent.

60. Essenzjalment, permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1392/2001 jipprekludix dispożizzjoni nazzjonali li tistabbilixxi metodi u skedi differenti għall-ħlas lura tat-taxxa fuq l-eċċedent lill-produtturi, skont jekk l-ammonti dovuti minn dawn il-produtturi għat-taxxa ġewx imnaqqsa mill-prezz tal-ħalib u ttrasferiti, fuq bażi ta' kull xahar, lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

61. Biex jinftiehmu aħjar ir-raġunijiet wara d-domanda magħmula u l-kwistjonijiet imqajma minnha, jista' jkun utli li jiġu mfakkra, fil-qosor, il-fatti speċifiċi relevanti għal din il-mistoqsija partikolari.

### *1. Il-kuntest fattwali*

62. Il-produzzjoni tal-ħalib fl-Italja għas-sena tal-ħalib 2003/2004 qabżet il-kwota allokata lil dak l-Istat Membru fid-dritt relevanti tal-Unjoni. Konsegwentement, taxxa addizzjonali fuq l-eċċedent kienet dovuta minn dak l-Istat Membru lill-Unjoni Ewropea. Madankollu, minħabba li xi kwoti individwali ma ntużawx, l-ammont globali li l-awtoritajiet Taljani rċevew (jew suppost irċevew) mill-produtturi li kkontribwixxew għall-eċċedent - jew direttament jew permezz tax-xerrejja - kien eċċedenti għall-ammont tat-taxxa pagabbli lill-baġit tal-Unjoni.

63. Skont il-Gvern Taljan, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ddeċidew li ma jużawx il-possibbiltà, offruta mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 3950/92, li jallokaw mill-ġdid il-kwoti mhux użati. Ġie deċiż, fil-fatt, li l-eċċedent jiġi ddistribwit mill-ġdid lill-produtturi li kienu jaqgħu taħt ċerti kategoriji ta' prijorità, skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament Nru 3950/92. Għal dan il-għan, il-produtturi li kienu kkonformaw ruħhom mal-obbligi tagħhom ta' ħlas ta' kull xahar, u li kienu jew fiż-żoni muntanjużi jew f'żoni żvantaġġati oħra, kellhom jiġu rrimborsati l-ewwel. Jekk kien jifdal xi parti mill-eċċedent, l-awtoritajiet imbagħad inaqqsu l-ammonti mitluba minn dawk il-produtturi li ma kkonformawx ruħhom mal-obbligi tagħhom ta' ħlas ta' kull xahar, u li kienu jinsabu jew f'żoni muntanjużi jew f'żoni żvantaġġati oħra.

64. Madankollu, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jikkontestaw din l-espożizzjoni tal-fatti mogħti mill-Gvern Taljan. Huma tal-opinjoni li dak li effettivament għamlu l-awtoritajiet Taljani fiż-żmien rilevanti ma kienx li jħallsu lura t-taxxa fuq l-eċċedent, iżda li jallokaw mill-ġdid il-kwoti mhux użati fost ċerti produtturi li qabżu l-kwoti individwali tagħhom.

65. Madankollu, jidher li l-mod kif hija fformulata t-tielet domanda magħmula mill-qorti nazzjonali jissuġġerixxi li anki l-qorti tar-rinviju hija tal-fehma li, fl-2004, l-awtoritajiet Taljani ddeċidew li jħallsu lura t-taxxa fuq l-eċċedent lill-produtturi li kienu jaqgħu taħt ċerti kategoriji ta' prijorità.

66. Għalhekk ser nirrispondi din id-domanda kif artikolata mill-qorti tar-rinviju. Fi proċedimenti skont l-Artikolu 267 TFUE, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddetermina l-fatti rilevanti. Dan huwa kompitu tal-qorti tar-rinviju.

67. Madankollu, u sempliċement għall-finijiet ta' kompletezza, ser nindirizza fil-qosor ukoll ix-xenarju msemmi mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali. Kif ninterpretahom jien, l-aspetti fattwali tat-tilwima li dwarhom il-partijiet ma jaqblux ma humiex determinanti sabiex tiġi indirizzata il-kwistjoni ġenerali mqajma mit-tielet domanda li hija, fil-qosor, taħt liema kriterji huwa possibbli li ssir differenzazzjoni bejn il-produtturi.

68. F'li ġej ser nispjega għaliex jien tal-fehma li xerrejja jew produtturi li ma kkonformawx ruħhom mal-obbligu, stabbilit fil-liġi nazzjonali, li jnaqqsu t-taxxa mill-prezz tal-ħalib u jittrasferixxuha lill-awtoritajiet kompetenti fuq bażi ta' kull xahar ma jistgħux jiġu trattati b'mod inqas favorevoli minn produtturi jew xerrejja oħra, kemm jekk permezz tal-ħlas lura tat-taxxa fuq l-eċċedent jew fl-allokazzjoni mill-ġdid ta' kwoti mhux użati.

*2. Ħlas lura tat-taxxa fuq l-eċċedent*

69. Kif imsemmi fil-punt 60 iktar 'il fuq, it-tielet mistoqsija tikkonċerna l-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1392/2001 jipprekludix dispożizzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 2(3) tad-Digriet-Liġi Nru 157/2004, li tistabbilixxi metodi u skedi ta' żmien differenti għall-ħlas lura tat-taxxa fuq l-eċċedent lill-produtturi, skont jekk l-ammonti dovuti minn dawn il-produtturi għat-taxxa ġewx imnaqqsa mill-prezz tal-ħalib u ttrasferiti, fuq bażi ta' kull xahar, lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

70. Fl-opinjoni tiegħi, ir-risposta għal din id-domanda għandha tkun fl-affermattiv.

71. Il-kliem tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1392/2001 huwa ċar ħafna: Stat Membru li jiddeċiedi li jqassam mill-ġdid it-taxxa fuq l-eċċedent fost il-produtturi jista' jagħmel hekk biss għall-benefiċċju ta' ċerti "kategoriji ta' prijorità" li għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-kriterji elenkati fih. Dawn il-kriterji huma b'mod ċar eżawrjenti u elenkati "fl-ordni ta' prijorità". L-Istati Membri għalhekk ma jistgħux jiddevjaw minn dawn il-kriterji. *A fortiori*, ma jistgħux iżidu, sabiex jiddefinixxu l-kategoriji ta' prijorità, kriterju li jikkonsisti fl-osservanza ta' regola proċedurali nazzjonali li - iktar minn hekk – intweriet li hija inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 3950/92.

72. L-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 1392/2001, min-naħa tiegħu, jippermetti li l-Istati Membri jadottaw "kriterji oġġettivi oħra" iżda biss "meta r-riżorsi finanzjarji disponibbli għal perjodu partikolari mhumiex użati wara li l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 [tal-istess dispożizzjoni] ikunu ġew applikati", u sakemm il-Kummissjoni tkun ġiet ikkonsultata dwar dan il-punt.

73. Madankollu, il-fehma tiegħi, il-kriterju nazzjonali bbażat fuq il-konformità mal-Artikolu 5(1) tad-Digriet-Liġi Nru 49/2003 ġie applikat biex jiġu ddeterminati l-produtturi li kellhom jiġu rrimborsati l-ewwel. Biss fejn il-fondi kienu għadhom disponibbli wara l-ewwel fażi ta' ridistribuzzjoni, produtturi oħra kellhom ukoll jirċievu rifużjoni. Jidher għalhekk li d-dispożizzjonijiet nazzjonali jsegwu loġika li, fil-prattika, hija l-oppost ta' dik tal-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1392/2001. Barra minn hekk, mhux ċar fuq il-bażi tal-proċess jekk l-awtoritajiet Taljani kkonsultawx lill-Kummissjoni dwar l-adozzjoni ta' dan il-kriterju "proċedurali".

74. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1392/2001 jipprekludi lil Stat Membru milli jeskludi mill-ħlas lura produtturi li jaqgħu b'mod ċar f'waħda mill-kategoriji ta' prijorità elenkati, jew li jissodisfaw il-kriterji miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru inkwistjoni. Konsegwentement, il-produtturi li ma ħallsux it-taxxa kif previst fl-Artikolu 5(1) tad-Digriet-Liġi Nru 49/2003 ma jistgħux jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn produtturi oħra fil-każ ta' ħlas lura tat-taxxa fuq l-eċċedent f'konformità mal-Artikolu 2(4) tar-Regolament Nru 3950/92.

75. Għall-finijiet tal-kompletezza, nixtieq inżid bħala l-aħħar kumment li l-produtturi li kkonformaw ruħhom debitament mal-Artikolu 5(1) tad-Digriet-Liġi Nru 49/2003 ma jistgħux jiġu kkunsidrati li huma "affettwati minn sitwazzjoni eċċezzjonali li tirriżulta minn dispożizzjoni nazzjonali mhux konnessa ma' din l-iskema" skont it-tifsira tal-Artikolu 2(4) tar-Regolament Nru 3950/92. Waqt li titwarrab l-interpretazzjoni tal-portata tal-kunċett ta' "sitwazzjoni eċċezzjonali", li f'kull każ x'aktarx jiġi interpretat b'mod pjuttost strett, jibqa' ċar li taħt l-ebda interpretazzjoni konċepibbli tal-Artikolu 2(4) tar-Regolament Nru 3950/92 tista' dispożizzjoni bħall-Artikolu 5(1) tad-Digriet-Liġi Nru 49/2003 titqies bħala "mhux konnessa" mal-iskema tal-kwoti tal-ħalib.

76. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għat-tielet domanda għandha fil-fehma tiegħi tkun fis-sens li l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1392/2001 jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li tistabbilixxi metodi u skedi differenti għall-ħlas lura tat-taxxa fuq l-eċċedent lill-produtturi, skont jekk l-ammonti dovuti minn dawn il-produtturi għat-taxxa ġewx imnaqqsa mill-prezz tal-ħalib u ttrasferiti, fuq bażi ta' kull xahar, lill-awtoritajiet pubbliċi.

### *3. Allokazzjoni mill-ġdid ta' kwoti mhux użati*

77. L-evalwazzjoni tiegħi ma kinitx tkun differenti anki kieku t-trattament distintiv irriżervat mill-awtoritajiet Taljani għall-produtturi u x-xerrejja li ma kinux konformi mal-Artikolu 5(1) tad-Digriet-Liġi Nru 49/2003 kien jikkonċerna - kif isostnu r-rikorrenti fil-kawża prinċipali - allokazzjoni mill-ġdid ta' kwoti mhux użati.

78. Il-kwoti individwali mhux użati għandhom, skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 3950/92, ikunu "ġew allokati proporzjonalment għall-kwantitajiet ta' referenza ta' kull produttur"[25]. Dan ifisser, possibbilment, li l-kwoti mhux użati għandhom jiġu allokati lill-produtturi *kollha* li kkontribwixxew għall-eċċedent u li l-kontribuzzjoni tagħhom għall-taxxa għandha tiġi stabbilita kif xieraq[26].

79. Konsegwentement, xerrejja jew produtturi li ma kkonformawx mal-Artikolu 5(1) tad-Digriet-Liġi Nru 49/2003 ma setgħux jiġu suġġetti għal diskriminazzjoni, anki fil-każ ta' allokazzjoni mill-ġdid ta' kwoti mhux użati.

25 Enfasi miżjuda
26 Ara wkoll, għal dan il-għan, is-sentenza tal-5 ta' Mejju 2011, Etling u Etling *et* (C-230/09 u C-231/09, EU:C:2011:271, punt 64).

## IV. Konklużjoni

80. Bħala konklużjoni, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda preliminari magħmula mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja) kif ġej:

– L-inkompatibbiltà tar-regoli nazzjonali li jirregolaw il-ġbir tat-taxxa addizzjonali mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 3950/92 li jistabbilixxi imposta [taxxa] addizzjonali fuq il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ma teħlisx lill-produtturi mill-obbligu tagħhom li jħallsu t-taxxa addizzjonali;

– L-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1392/2001 tad-9 ta' Lulju 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3950/92 li jistabbilixxi imposta [taxxa] addizzjonali fuq il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li tistabbilixxi metodi u skedi differenti għall-ħlas lura tat-taxxa fuq l-eċċedent lill-produtturi skont jekk l-ammonti dovuti minn dawn il-produtturi għat-taxxa ġewx imnaqqsa mill-prezz tal-ħalib u ttrasferit, fuq bażi ta' kull xahar, lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.